TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/121/12/S

Marchita Mangiafico
Vs
Kevin u Lawrence Borg ezercenti l-kummerc bhala Borg Repairs & Spares

Illum 25 ta'Jannar,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Marchita Mangiafico pprezentata fis-16 ta'Mejju,2012 u r-risposta ta' Kevin u Lawrence Borg ezercenti l-kummerc bhala Borg Repairs & Spares ipprezentata fit-18 t'Ottubru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fid-29 ta'Novembru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda magna tal-hasal li gralha l-hsara u l-konvenuti gew ingaggati biex isewwuha;

Illi jinghad mal-ewwel li l-magna tal-hasil ma kinitx mixtrija minghand il-konvenuti izda dawn tal-ahhar jaghtu servizz ta' tiswija;

Illi l-hlas ta' €150 gie accettat mill-attrici sabiex jinbidlu xi 'parts' pero l-magna tal-hasil baqghet ma tahdimx kif suppost;

Illi min-naha l-ohra, l-attrici ma gabet ebda prova li dan kien xi nuqqas attribwit lill-konvenuti ghalkemm dawn tal-ahhar kienu assigurawha li jaqblilha ssewwiha;

Illi oggett mhux gdid li jigrilu xi hsara, mhux awtomatiku li jissewwa u jekk dan isehh, wiehed irid jara x'kienu c-cirkostanzi qabel jatribwixxi xi tort lil min jipprova jsewwi;

Illi jinghad ukoll li l-konvenuti kellhom iktar ikunu konxji tal-bzonnijiet tal-attrici fir-rigward tal-esigenzi personali taghha;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Kevin u Lawrence Borg ezercenti l-kummerc bhala Borg Repairs & Spares u Jichad it-talba ta' Marchita Mangiafico, b'kull parti thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru